MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 84/2000/1

Vodafone Malta Limited .

vs

Paul Micallef .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta’ attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ elfejn erba’ mija u sittin lira maltin u disgha u sittin centezmi (Lm2,460.69c) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A .

Illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti ;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh .

2. Tikkundanna lill-konvneut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u sittin liri maltin u disgha u sittin centezmi (Lm2,460.69) dovuti kif fuq intqal .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Novembru 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Dottor Anthony Vella .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi:

1. fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont pretiz mhux dovut peress illi l-konvenut ghamel diversi pagamenti a saldu tad-debitu tieghu mas-socjeta' attrici ;
3. illi oltre' dan it-telefonati kif reklamati mis-socjeta' attrici ma sarux mill-konvenut fil-kwantita' kif allegati mis-socjeta' attrici ;
4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat il-verbal taghha ta' l-20 ta' Mejju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc minn somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' *mobile phone* u *airtime* ghall-istess uzu moghti lill-konvenut skond fattura esebita ma' c-citazzjoni[1] . Il-konvenut jeccepixxi preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili u fil-mertu illi huwa dejjem ghamel il-hlasijiet mitluba .

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jidher mill-fattura esebita illi l-ammonti reklamati f'din il-kawza jirrigwardaw hlasijiet dovuti skond *billing invoices* li jmorru lura sat-23 ta' Frar 1999, ghax il-kontijiet ta' qabel dik id-data jidher illi gew kollha saldati . Il-kawza prezenti giet intavolata fis-17 ta' Mejju 2000 u ghalhekk il-kawza saret korrettement entro t-terminu stabilit mill-ligi . Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk minnufih respinta .

Rigward il-mertu, jirrizulta minnu illi l-konvenut ghamel diversi pagamenti regolarment meta kien jircievi l-kontijiet minghand is-socjeta' attrici . Imma kif spjegat ir-rapprezentata ta' l-istess socjeta' attrici fid-depozizzjoni taghha, u kif jirrizulta wkoll mill-kopji tac-cekkijiet esebiti li jirreferu ghal-pagamenti maghmula mil-konvenut, dawn ma kienux ikopru l-ammonti kollha mitluba, imma biss il-kirja ghall-uzu tal-*mobile phone* fil-pussess tal-konvenut . Irrizulta illi ghal zmien twil il-konvenut ma kienx qed

[1] Ara Dok. A a fol. 5 tal-process .

jaghmel telefonati minn dan il-mobile phone, u ghalhekk kien qed jigi mitlub ihallas biss tal-kera . Imma mbaghad ghall-bidu tas-sena 1999, beda jaghmel uzu regolari minnu sabiex jaghmel it-telefonati tieghu u tella kont sostanzjali[2] . Kien hawnhekk illi l-konvenut beda jirrifjuta li jhallas il-kontijiet li kienu qed jintbaghtulu, sakemm is-servizz gie sospiz u eventwalment saret il-kawza prezenti .

Il-konvenut jikkontesta l-ammonti mitluba bhala esagerati . Jirrizulta pero' illi meta staqsa kif il-kont kien tela' daqshekk, gie spjegat lilu kif tahdem is-sistema u partikolarment li kwalunkwe telefonati li kien jircievi, meta kien ikun imsiefer, kienu jitqiesu bhallikieku kienu telefonati maghmula minnu ghal barra l-pajjiz . Tenut kont ukoll illi l-konvenut kien dik il-habta jahdem hafna fl-esteru, u li huwa stess jammetti illi kien ikollu bzonn hafna tat-telephone, ma jidher illi hemm xejn insolitu fl-ammonti ndikati fil-kontijiet mibghuta lilu . Dawn gew ukoll sostanzjonti bl-*itemized bills* esebiti mir-rapprezentanta tas-socjeta' attrici *seduta stante*, li jindikaw kull telefonata maghmula minn jew li rcieva l-konvenut fuq il-*mobile phone* mikri lilu[3] .

F'tali cirkostanzi, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lilll-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u sittin lira maltija u disa' u sittin centezmu (lm2460.69) .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-23 ta' Novembru 1999, u bl-imghaxijiet fuq din is-somma mid-data ta' l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut .

---

[2] ara depozizzjoni ta' Sharon Calleja tas-6.11.2003 a fol. 37 - 39 u dokumenti minnha esebiti fl-istess seduta .
[3] ara Dok. SC.1 a fol. 40 - 102 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------